# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 161/16 AF**

**Id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali**

**v.**

**Tarcisio Borg u b'digriet tas-17 ta' Marzu 2011, il-Qorti ordnat is-sejha fil-kawza tal-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Dawn huma appell principali tal-Avukat Generali u appell incidentali tal-intimat Tarcisio Borg, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza 'ordinarja' civili taghha fl-4 ta' April 2016, li permezz taghha dik il-Qorti: [1] cahdet l-ewwel talba tar-rikorrenti li jithassru l-proceduri ta' disprezz; [2] cahdet it-talbiet tar-rikorrent sa fejn jitlob kumpens materjali xieraq talli ttiehditlu d-dghajsa;

[3] cahdet it-talbiet tar-rikorrenti safejn dawn jinbnew fuq l-ilment tieghu li garrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; [4] laqghet it-talba tar-rikorrenti billi sabet li huwa garrab ksur tal-jedd tieghu kif imhares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan peress li ma nghatax l-opportunità li jikkontesta effikacement it-tehid tal-ispeedboat tieghu; [5] illikwidat bhala kumpens dovut lir-rikorrenti minhabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, is-somma ta' tliet mitt ewro (€300), u [6] in kwantu rriteniet li l-proceduri ta' disprezz jimmeritaw konsiderazzjoni separata lil hinn minn dawk kostituzzjonali, ordnat li jkompli s-smigh tal-kawza in kwantu ghad-disprezz muri lejn il-Qorti bl-agir tal-intimat. Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Wara li l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha l-Avukat Generali appella mis-sentenza kemm quddiem il-Qorti tal-Appell u kif ukoll, b'rikors li jgib l-istess data, dik tat-12 ta' April 2016, quddiem din il-qorti. L-intimat Tarcisio Borg wiegeb ghar-rikors quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Mejju 2016, permezz ta' risposta kontenenti appell incidentali.

Waqt is-smigh tal-appell, qamet il-kwistjoni tal-irritwalità tal-appell imressaq quddiem din il-qorti, tant li waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2016, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghas-sentenza **Arnaud v. Strickland Ltd** moghtija fit-30 ta' Settembru 2016. Waqt l-istess udjenza, il-Qorti, bi ftehim mal-partijiet kollha, hassret id-digriet taghha li bih

iddifferiet l-appell ghas-sentenza u minflok, iddifferiet l-appell ghat-trattazzjoni finali ghall-5 ta' Dicembru 2016.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2016, id-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell, u l-appell gie differit ghal-lum ghas-sentenza.

Permezz tas-sentenza fuq citata moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Arnaud et v. Strickland Limited et**, din il-Qorti enuncjat:

> "6. L-ewwel qorti tat is-sentenza li minnha sar dan l-appell bis-sahha tal-kompetenza li jaghtiha l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni *contrario sensu*:
>
> > "46. (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti ghandha taghti d-deċiżjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan issubartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu[1] , il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."
>
> "7. L-istess jipprovdi l-art. 4(3) tal-Kap. 319.
>
> "8. Billi l-kwistjoni qamet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kienx hemm htieġa ta' referenza u dik il-qorti setghet taghti deċiżjoni fuq il-kwistjoni hija stess, kif fil-fatt ghamlet.
>
> "9. Appell minn deċiżjoni bhal dik moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jintlaqat bl-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:
>
> > "34. Hlief meta jkun hemm provdut mod iehor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi ohra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell: »Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u nghatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(d)[2] tal-

[1] Is-sub artiklu 4 jaghti dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.
[2] "*95. (2) … … … il-Qorti Kostituzzjonali … jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi -*
*"… … …*
*(d) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta'*

imsemmija Kostituzzjoni, tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."

"10. L-appell tal-lum jintlaqat mill-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax: il-kawża nbdiet b'ċitazzjoni (kif kienu jinbdew il-kawżi "ordinarji" qabel ma ddaħħlet il-proċedura tar-rikors maħluf imsemmi fl-art. 34) u ma nbdietx b'rikors kostituzzjonali; ebda deċiżjoni espliċita ma ntalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taħt l-artikolu 95(2)(d) tal-Kostituzzjoni; u fis-sentenza li ngħatat ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem. L-appell għalhekk kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, mhux quddiem din il-qorti[3].

"11. Billi għalhekk l-appell sar ħażin quddiem din il-qorti, il-qorti qiegħda tiddikjarah irritu u ma tqisux aktar."

Jirrizulta car illi l-appell tal-lum jintlaqat mill-Artikolu 34 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-kawza nbdiet b'rikors mahluf; ebda decizjoni esplicita ma ntalbet u nghatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taht l-Artikolu 95(2)(d) tal-Kostituzzjoni; u fis-sentenza appellata gew diskussi u decizi punti ta' ligi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Huwa car ghalhekk li l-appell kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, mhux quddiem din il-qorti.

Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza **Michael Debono et v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjet u l-Ippjanar et**, deciza fit-12 ta' Frar 2016:

"Jidher illi meta, fl-art. 4(4) tal-Kap. 319, il-liġi tgħid illi appell minn sentenza "fi proċedimenti miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu" (l-art. 4) jsiru quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-

*din il-Kostituzzjoni."*

[3] Ara **Michael Debono Ltd et v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, Kost. 12 ta' Frar 2016

> kelma "miġjuba" tifhem kawżi mibdija quddiem il-Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali jew mibghuta quddiemha b'riferenza, u mhux kawżi mibdija quddiem dik il-qorti fil-kompetenza ordinarja iżda meqjusa minnha wkoll fil-kompetenza kostituzzjonali bis-sahha tal-art. 4(3), kif ġara filkaż tal-lum".

Ghaldaqstant fid-dawl tal-principji gurisprudenzjali fuq indikati, l-appelli prezentati quddiem din il-Qorti, kemm dak principali kif ukoll dak incidentali huma irriti u nulli, u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant tiddisponi miz-zewg appelli billi tiddikjarahom irriti u nulli.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb